Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 12/2017

Il-Pulizija

Vs

Luciano Tabone

Illum 27 ta' Frar 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Luciano Tabone detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 537057M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli mix-xahar ta' Marzu 2013 sax-xahar ta' Gunju 2016, fil-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Naqas li jaghti lil Anna Tabone, is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal tliet xhur prigunerija. Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Luciano Tabone, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Jannar 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena u fi kwalunkwe kaz tibdilha dwar il-piena, ghar-ragunijiet premessi.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2020 l-appellant ecepixxa l-eccezzjoni tal-preskizjoni ai termini tal-artikolu 688(f) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat ili fis-seduta tat-18 ta' Frar 2020 giet trattata l-eccezzjoni tal-prekrizzjoni fejn l-appellant qed isisotni li dan hu offiza istantaneja b'effett permanenti waqt li l-Avukat Generali qed isostni li din hija offiza kontinwa molto piú meta tqis li l-appellant inghata l-artikolu 18 dwar il-kontinwita tal-offiza u dan ghall-perijodu shih ta' Marzu 2013 sa Gunju 2016 u ghalekk it-terminu tal-prekrizzjoni ghandu jibda' jiddekorri minn Gunju 2016.

Ikkunsidrat.

L-appellant jibda' biex jgħid illi l-azzjoni tinsab preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Jghid ukoll u ghandu ragun f'dan ir rigward li r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 huwa wieħed istantaneju u

mhux permanenti u jiġi kommess appena jiskadu ħmistax-il jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun seħħ.

Il-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali fil-fatt jiddisponi hekk: "Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min "... "(z) *meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata filkuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma*".

Konsegwentement huwa minnhu li r-reat in kwistjoni huwa wiehed ta' natura istantanja[1], u jsehh gheluq il-hmistax-il jum minn dak li jum li fih, skond l-ordni jew skond il-kuntratt, kellu jithallas il-manteniment.

Kif tajjeb intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza l-**Pulizija vs. Joseph Galea**[2] [3.11.1995] ""*Il-kuncett ta' "continuous offence" jincidi primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-"continuing offence" jincidi fuq l-aspett sostantiv tar-reat. Fil-fatt dawn huma zewg koncetti guridikament differenti u separati minn xulxin. Id-diffikolta' doppja li tinholoq hija li bit-test Malti hafna drabi nirriferu kemm ghall-"continuing offence" kif ukoll ghall "continuous offence" bhala reat kontinwat, benche' li huma zewg kuncetti guridikament differenti minn xulxin. ….Il-fatt jibqa' wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat ("continuing")*"

Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser li numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantanja ma jistghux - anki a beneficcju tal-akkuzat illum appellant – jingabru flimkien mill-Prosekuzzjoni bhala reat kontinwat, kif fil-fat gara. Din il-Qorti ukoll fl-istess sentenza appena citata rriteniet li dan hu possibbli.

Ghal dawn iz-zewg tipi ta' reati, cioe' r-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir-regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Di fatti skond l-artikolu 691 (1) tal-

[1] " l-Pulizija vs.David Camilleri deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-22 ta' MArzu .2005

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Novembru 1995

kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-waqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, z-zmien tal-preskrizzjoni jibda' mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta' reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Dan il-kaz sii tratta ta' reat kontinwat skond dak li jipprovdi l-Artikolu 18 tal-Kap. 9, u ghalhekk hi applikabbli dik il-parti tal-Artikolu 691(1) tal-Kap. 9 li tghid li z-zmien tal-preskrizzjoni jibda' *"mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi"*

Fil-każ in eżami l-appellant qiegħed jiġi akkużat li ma ħallasx il-manteniment għall-perijodu bejn ix-xhur ta' Marzu 2013 u Gunju 2016 *"b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda"*, u cioe` b'referenza għall-iskadenzi mensili kollha li jaqgħu f'dak il-perijodu.

Għalhekk fil-każ in eżami, trattandosi ta' reat kontinwat, il-kontravvenzjoni kienet tiskatta b'għeluq il-ħmistax-il jum mill-aħħar ta' Gunju 2016. Il-pagament kellu jiġi effettwat sal-15 ta' Lulju 2016 u jidher li dan ma sarx stante in-natura tal-proceduri odjerni li qed jigu kontestati. Iċ-ċitazzjoni giet notifikata lill-appellant nhar it-28 ta' Awwissu, 2016[3].

Issa skond l-proviso tal-artikolu 338 (z) tal-kap 9 jinghad li minkejja kull dispożizzjoni oħra tal –Kodiċi Penali, l-azzjoni kriminali għal reat in desamia taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur[4] u ilu hekk sa minn meta dan il-paragrafu gie emendat bl-Att XVI tas-sena 2006 ( kif dispost fl-artikolu 688 ( e) u mhux (f) tal-Kodici Kriminali kif semmari allega l-avuakt difensur)

Il-perijodu ta' preskrizzjoni ghandu jibda' jiddekorri mit-30 ta' Gunju, 2016 u ghalhekk l-azzjoni taqa' preskritta fit-30 ta' Dicembru 2016 li kieku l-appellant ma giex notifikat entro dan it-terminu. Fil-fatt jidher li gie notifikat fit-28 ta' Awwissu 2016 u ghalhekk

[3] Ara in-notifika a fol. 6 ta' l-atti

[4] Il-Pulizija vs Mario Gafa' deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2010

entro dan l-istess perijodu preskrittiv u konssegwentement din l-azzjoni ma hiex preskritta.

Konsegwentement ic-citazzjoni ghar-reat kontinwat kif intavolata w notifikata ma kienet bl-ebda mod preskritta w ghalhekk kull aggravju dwar id-diversi aspetti tal-preskrikzzjoni sollevata qed jigi respint

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur